MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1838/2001/1

**Cit Nru: 1838/01 JA.**

**Simon Vella CPA MIA fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' M.A. Supermarkets Limited.**

**-vs-**

**Carmelo Debattista & Sons Limited u Alexander Debono.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-29 t' April, 2001 li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta:

Illi l-kumpannija M.A. Supermarkets Limited giet stralcjata permezz ta' rizoluzzjoni straordinarja datata 24 ta' Mejju, 2001, fejn l-istess socjeta' rizolviet li xxolji u konsegwentement, tigi stralcjata volontarjament ai termini ta' l-artikolu 214 (1) (b) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji tal-1995 (Dok. A u B); u

Illi skond ittra datata 24 ta' Mejju, 2001, hawn annessa u mmarkata Dok. C, l-istess kumpannija ddikjarat li ma kinitx f' posizzjoni li taghmel dikjarazzjoni ta' solvenza ai termini ta' l-artikolu 268 ta' l-istess Att dwar il-Kumpanniji tal-1995; u

Illi l-attur gie appuntat stralcjatarju tal-kumpannija M.A. Supermarkets Limited f' laqgha tal-kredituri li nzammet fis-7 ta' Gunju 2001, kif jirrizulta mill-anness dokument markat bhala Dok, D; u

Illi s-socjeta' M.A. Supermarkets Limited kienet toper l-*outlet* tal-Merry Saver Supermarket ta' Westminister Hall, Triq C. De Brockdorff, Gzira; u

Illi permezz ta' kuntratt notarili datat 24 t' April, 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella (Dok E) is-socjeta' M.A. Saupermarkets Limited irrinunzjat bhla kunsiderazzjoni favur is-socjeta' konvenuta Carmelo Debattista & Sons Limited ghad-dritt ta' lokazzjoni taghha tal-hanut imsemmi tal-Merry Saver Supermarket; u

Illi fl-istess gurnata, cioe' fl-24 t' April, 2001, il-konvenut Alexander Debono akkwista l-lokazzjoni ta' l-*outlet* imsemmi Merry Saver Supermarket permezz ta' kuntratt notarili iehor datat 24 ta' April, 2001, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella, (dok F) li fuqu deheru s-socjeta' konvenuta Carmelo Debattista & Sons Limited u l-konvenut Alexander Debono; u

Illi l-Artikolu 303 tal-Kap XXV tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi kull trasferiment jew disponiment iehor ta’ proprjeta’ jew jeddijiet, u kull obbligazzjoni maghmula mill-kumpannija M.A.
Supermarkets Limited, sia gratwiti kif ukoll oneruzi, fi zmien sitt (6) xhur qabel ix-xoljiment ta’ l-istess socjeta’ ghandhom jitqiesu li huma preferenza bi frodi kontra l-kredituri u ghaldaqstant, nulli; u

Illi l-Artikolu 304 ta’ l-istess Att dwar il-Kumpanniji tal-1995 izid li meta xi haga li saret tkun nulla ai termini ta’ l-Artikolu 303 gja citat il-persuni preferuti ghandhom jitqiesu soggetti ghall-istess responsabbilitajiet u jkollhom l-istess jeddijiet daqslikieku dahlu personalment responsabbli bhala garanti sal-limitu tal-piz fuq il-proprjeta’ jew il-valur ta’ l-interess taghhom, skond liema ikun l-inqas; u

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 20 ta’ Lulju, 2001 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. G, sabiex jersqu ghar-rexxissjoni tal-kuntratti notarili in kwistjoni in kwantu vizzjati u invalidi fil-Ligi u ghal konsegwenti reintegrazzjoni tal-*istatut quo ante* izda baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u taqta’ li, ghar-ragunijiet fuq premessi kif ukoll dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, iil-kuntratti notarili datati 24 ta’ April, 2001, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella (Dok. E u F) huma nulli minghajr ebda effett fil-Ligi stante illi jikkostitwixxu preferenza bi frodi ai termini ta’ l-artikolu 303 tal-Kap XXV tal-Ligijiet ta’ Malta; u

2. Tiddikjara u taqta’ li, ai termini ta’ l-Artikolu 304 tal-Kap XXV tal-Ligijiet ta’ Malta, il-persuni preferuti huma

l-konvenuti kif ukoll dawk il-persuni l-ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u, ghaldaqstant, ai termini ta’ l-istess artikolu citat, jigi dikjarat li l-istess konvenuti huma personalment responsabbli bhala garanti ghad-dejn tal-kumpannija M.A. Supermarkets Limited sal-limitu tal-piz fuq il-propjeta’ jew il-valur ta’ l-interess taghhom skond kif jidhrilha dina l-Onorabbli Qorti;

3. Konsegwentement tillikwida u tikkwantifika, okkorrendo permezz ta’ periti nominandi, id-dejn li ghalih l-istess konvenuti, jew min minnhom, huma personalment responsabbli bhala garanti ai termini ta’ l-imsemmi artikolu 304 tal-Kap XXV tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannahom ihallsu tali dejn favur l-attiv tal-kumpannija tahat dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq timponi dina l-Onorabbli Qorti; u

4. Tinnomina u tahtar Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-Att relattiv ghar-rexxissjoni ta’ l-imsemmi kuntratti Dok. E u F u bir-reintegrazzjoni ta’ l-*istatus quo ante* u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-eventwali kontumacja tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Lulju, 2001, u tal-protest gudizzjarju li jgib l-istess data, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur fil-kwalita’ tieghu mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Carmelo Debattista & Sons Limited pprezentata fit-28 ta’ Jannar, 2002 li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-azzjoni attrici hija rrita u nulla ghaliex qeghda ssir minn persuna inesistenti billi fi kliem l-ewwel premessa tac-citazzjoni "Il-kumpannija M.A. Supermarkets Limited giet stralcjata". Dan il-fatt gie kkonfermat bil-gurament minn Simon Vella fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni akkumpanjanti l-istess citazzjoni.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, l-azzjoni attrici hija insostenibbli u t-talbiet ta' l-attur nomine ghandhom jigu respinti billi l-gudizzju mhuwiex integru ghaliex mhux il-partijiet kollha li ffirmaw il-kuntratt esibit bhala Dok, F, li l-attur nomine qieghed jippretendi li hu null u bla effett fil-ligi, gew imharrka. Fil-fatt Michael Debono, Jane Debono u Carmelo Debattista mhumiex parti f' din il-kawza. Ghar-rigward il-kuntratt esibit mill-attur nomine Dok E, li ukoll qieghed jitlob li jigi dikjarat null u bla effett, thallew barra minn din il-kawza l-imsemmija Michael Debono, Jane Debono u Carmelo Debattista kif ukoll Mark Debono.

3. Illi l-attur nomine m' ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jintavola din il-kawza.

4. Illi la s-socjeta' M.A. Supermarkets Limited u lanqas il-kredituri taghha m' huma se jiggwadanjaw xi haga mill-azzjoni ta' l-attur nomine.

5. Illi s-socjeta' ecipjenti ma kinitx taf u ma kelliex raguni tahseb li l-kumpanija M.A. Supermarkets Limited kienet x' aktarx ser tkun xolta minhabba insolvenza.

6. Illi l-kuntratti notarili datati 24 ta' April 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella (Dok E u F) huma kuntratti validi.

7. Illi l-artiklu 304 ta’ l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji mhuwiex applikabbli ghal kaz de quo.

8. Illi bl-azzjoni odjerna l-attur nomine m’ hu se jiggwadanja xejn ghajr li jpoggi lis-socjeta’ ecipjenti f’ diffikultajiet finanzjarji serji billi jekk il-kuntratti ta’ l-24 t’ April 2001 (Dok E u F) jigu dikjarati nulli u bla effett fil-ligi jidhol in vigore l-kuntratt tat-2 t’ April, 1998 (Dok X hawn esibit), liema kuntratt l-attur nomine bl-ebda mod ma’ jista jwettaq l-obbligi li jkollu naxxenti minnu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa minn Carmelo Debattista fit-28 ta’ Jannar, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alexander Debono pprezentata fit-30 ta’ Jannar, 2002 li permezz taghha ecepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur stante li x-xoljiment tal-kuntratt ta’ lokazzjoni rigward l-owtlet ‘Merry Saver Supermarket’ bl-ebda mod ma ippregudikat il-kredituri tal-kumpanija MA Supermarkets Ltd. u lanqas is-sitwazzjoni tal-istess kumpanija u ghalhekk ma kien hemm ebda frodi kif qed jigi allegat.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Alexander Debono mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Novembru, 2003 li permezz

tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Illi l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta in kwistjoni tirrigwardja l-fatt li l-attur qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta’ MA Supermarkets Limited li taghha hu stralcjarju. Is-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi illi ladarba s-socjeta’ imsemmija qedghda fi stat ta’ likwidazzjoni ma’ tistax tagixxi.

Din l-eccezzjoni ma tippresenta ebda dikkikulta’ ghaliex l-attur qed jagixxi bhala stralcjarju. Is-socjeta’ MA Supermarkets bhala tali veru ma tistax tagixxi izda l-azzjoni qed issir b’ mod li qed tigi rapprsentata mill-persuna illi qed tirrapresentaha bhalissa u cioe’ l-attur nomine.

Kif issottometta sew l-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, is-socjeta’ in kwistjoni ma hijiex *struck off* mir-registru tas-socjetajiet izda miexja lejn dak l-istat u kwindi, sija pure fi stat ta’ likwidazzjoni, **izda ghadha tesisti**.

Il-Qorti mhijiex se tidhol fil-kwistjoni jekk l-attur ghandu xi nteress guridiku fl-azzjoni stante li hemm intavolata eccezzjoni separata f’ dan ir-rigward, izda tirrimarka li skond l-Artikolu 238 (1) (a) u 288 (b) stralcjarju ghandu s-setgha li jaghmel jew jiddefendi azzjoni f’ isem u ghan-nom tal-kumpanija u dan jindika li l-Ligi tikkontempla l-possibilita’ li socjeta’ fi stat ta’ likwidazzjoni tista’ tagixxi bhala attrici purke’ tkun rappresentata mill-istralcjarju.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, bl-ispejjes kontra taghha u tordna li l-kawza titkompla.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------